# Tisħiħ tal-involviment

## VS-2018-0043

# Studju tal-każ

## *Rapport ta' Ċipru*

Il-Federazzjoni Demokratika tax-Xogħol ta' Ċipru

40 Vyronos Avenue

1096 Nicosia

Ċipru

Nikosija, 22 ta' Ottubru 2018

**Il-proġettt TISĦIĦ TAL-INVOLVIMENT (DĠ Impjiegi-VS/2018/0043). Dan il-proġett ġie ffinanzjat b'appoġġ mill-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni [komunikazzjoni] tirrifletti biss il-ħsibijiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kull użu li jista' jsir mill-informazzjoni li fiha.**

**Każ 1: Privatizzazzjoni tad-Dipartiment tal-Ġbir tal-Iskart, Muniċipalità ta' Strovolos**

Il-Muniċipalità ta' Strovolos hi t-tieni l-aktar Muniċipalità ta' Ċipru li joqogħdu nies fiha b'aktar minn 70,000 abitant, u tkopri erja$^{25\text{km}}$. Din tħaddem madwar 270 persuna (persunal klerikali u ħaddiema) u l-baġit tagħha għall-perjodu ta' sentejn 2017-19 hu ta' €17,000,000 (imnaqqas bi 30%). Minkejja t-tnaqqis tal-għajnuna mill-Istat, grazzi għall-popolazzjoni kbira tagħha u għaż-żona industrijali mdaqqsa tagħha, għall-iżviluppi kummerċjali kbar tagħha (eż. Kumpless kummerċjali) u għal kumpaniji kummerċjali kbar, il-Muniċipalità għandha flussi ta' flus sodisfaċenti.

Il-Muniċipalità hi strutturata kif ġej:

- Kunsill Muniċipali: Repsonsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u għat-tfassil tal-politika.
- Is-Segretarju Muniċipali bil-Kapijiet tad-Dipartimenti: Responsabbli għall-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet politiċi, li jiżguraw l-operat ta' kuljum tal-Muniċipalità u li jservu ċ-ċittadini tagħha. Dipartimenti:
    1. Dipartiment għall-Amministrazzjoni u l-Persunal
    2. Dipartiment tal-Finanzi
    3. Dipartiment Tekniku
    4. Dipartiment tas-Saħħa Pubblika u s-Sanità
    5. Dipartiment għall-Iżvilupp Ambjentali, eċċ.

Il-Muniċipalità ta' Strovolos hi parti mill-Ftehim Kollettiv Settorjali li jkopri l-Muniċipalitajiet urbani u reġjonali kollha tad-Distrett ta' Nikosija. Il-membri jinkludu rappreżentant minn kull Muniċipalità (ġeneralment is-Sindku jew is-Segretarju tal-Muniċipalità) u rappreżentanti tal-ħaddiema, wieħed minn kull assoċjazzjoni. Hemm ukoll Kumitat li jaħdem taħt il-presidenza tal-President tal-Għaqda tal-Muniċipalitajiet (aġenzija nazzjonali). Dan il-korp jeżamina materji politiċi aktar wiesa', eż. l-isforzi li jiġi konkluż Ftehim Kollettiv Panċiprijan (Pancyprian).

**Il-problema**

Il-problema li qamet tirrelata mal-privatizzazzjoni tas-servizzi fl-awtonomija lokali, li tirriżulta fit-tneħħija kompleta tal-maġġoranza assoluta tal-impjiegi.

Waqt laqgħa bilaterali bejn il-Federazzjoni Demokratika tax-Xogħol ta' Ċipru (DEOK) u s-Sindku ta' Strovolos, aħna esprimejna d-dispjaċir tagħna għall-fatt li ma stedinx lit-trejdjunjins għal djalogu. Minflok, il-Kunsill Muniċipali ħa deċiżjoni unilaterali li jipproċedi bil-privatizzazzjoni parzjali tal-ekwpiaġġi tal-ġbir tal-iskart.

Is-Sindku infurmana bid-deċiżjoni tal-Kunsill Muniċipali u ddeskriva l-intenzjonijiet tiegħu għall-privatizzazzjoni parzjali tal-ekwipaġġi tal-ġbir tal-iskart kif ukoll għall-privatizzazzjoni ta' ekwipaġġi oħra f'oqsma oħra tas-servizzi muniċipali. Hu ressaq ir-raġunijiet segwenti:

- Il-kost għoli ta-servizzi muniċipali mqabbel max-xiri tas-servizzi minn individwi privati.
- Il-ħaddiema muniċipali mhumiex produttivi/effettivi.
- Il-Muniċipalità tirċievi nurmu kbir ta' ilmenti miċ-ċittadini tagħha.

Kieku s-Sindku evita li jiltaqa magħna u jinfurmana, konna nikkuntattjaw lill-assoċjazzjonijiet l-oħra u b'mod konġunt konna nagħmlu pressjoni sistematika biex ikollna laqgħa mas-Sindku. Konna wkoll infittxu li nagħmlu laqgħa biex nibdew djalogu billi nibgħatu ittra u nħabbru fil-midja. Kieku r-risposta tas-Sindku baqgħet negattiva, konna se nieħdu miżuri flimkien mal-assoċjazzjonijiet tal-ħaddiema l-oħra, li aħna konna possibilment neskalaw skont l-iżviluppi.

Minn hemm 'il quddiem, saret laqgħa u konsultazzjoni konġunta mat-trejdunjins, biex jiġu stabbiliti għanijiet u attivitajiet komuni. Saret laqgħa mal-kapijiet tat-trejdunjins fis-settur tal-ħaddiema muniċipali u s-Sindku. Aħna ppreżentajnilu l-pożizzjonijiet komuni tagħna. L-objettiv tal-ekonomiji ta' skala fis-settur jistgħu jinkisbu permezz tar-raggruppament tas-servizzi muniċipali.

Aħna pproponejna wkoll it-twaqqif ta' kumitat konġunt li jinkludi r-rappreżentanti tat-tliet assoċjazzjonijiet u tal-Muniċipalità biex jeżamina l-mod ta' kif jitħaddem is-servizz ta' ġbir ta' skart u l-materji rilevanti kollha u jissuġġerixxi modi ta' kif tittejjeb l-effiċjenza tas-servizz. Il-kumitat konġunt kellu żewġ laqgħat u ħa d-deċiżjonijiet segwenti:

- Li tiġi abbandunata l-prattika ta' xogħol skont il-loġika ta' xogħol "kontinwu, mgħaġġel, mhux interrott".
- Li jiġu stabbiliti ħinijiet tax-xogħol regolari b'xift ta' sitt sigħat bil-lejl, kif stabbilit fil-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali.
- Li jiġi abolit it-tnax-il ekwipaġġ inkarigat mill-ġbir ta' ħaxix ħażin u miż-żbir.
- Li jitwaqqaf kumitat konġunt biex jeżamina l-probelmi tas-servizz bħal-liv minħabba mard, il-proċessi u l-metodi tax-xogħol, il-kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà.
- L-introduzzjoni ta' ħinijiet tax-xogħol ġodda matul perjodu pilota ta' xahar. Dan ikun segwit mit-tieni laqgħa biex jiġi evalwat l-eżitu, jiġu identifikati l-problemi u jinstabu soluzzjonijiet.
- Fil-laqgħa li jkun imiss jinbdew diskussjonijiet dwar is-soluzzjoni tal-problemi l-oħra tas-servizz biex dan isisr effiċjenti.

Wara dan il-perjodu ta' xahar, l-impjegatur ġie b'ħafna skużi biex jevita li jidħol fi djalogu. Fil-frattemp, konna infurmati kemm mill-persunal klerikali u mill-ħaddiema fid-dipartiment tal-ġbir tal-iskart li l-Muniċipalità kienet se tibqa' għaddejja bil-pjan li tipprivatizza s-servizz. B'mod aktar speċifiku, hi ppreparat u abbozzat it-tender, kisbet l-approvazzjonijiet meħtieġa mill-Ministeri tal-Intern u tal-Finanzi u kienet fl-istadju li tagħmel avviż pubbliku għal sejħa għal offerti.

Fl-istess waqt, saret Assemblea Ġenerali tal-impjegati għal skopijiet ta' informazzjoni u konsultazzjoni. Dawn ġew infurmati dwar il-progress tal-kuntatti u tal-objettivi tan-negozjati, dwar il-bidliet fil-metodu tax-xogħol u fis-sigħat tax-xogħol. Dawn kienu wkoll infurmati li fi żmien xahar, se jkun hemm laqgħa ġdida mal-impjegatur biex jiġu evalwati s-sigħat il-ġodda tax-xogħol u l-metodi l-ġodda tax-xogħol u biex jittieħdu miżuri għal aktar titjib.

Wara li għadda xahar u minħabba li l-impjegatur evita djalogu biex jiġu evalwati l-bidliet li ġew maqbula, kif iddikjarat hawn fuq, l-assoċjazzjonijiet tal-ħaddiema laqqgħu Assemblea Ġenerali ġdida u talbu l-approvazzjoni għall-proposta tagħhom għall-miżuri inkluż strajk ta' twissija ta' 24 siegħa. Dawn talbu wkoll lill-Assemblea Ġenerali biex tawtorizza lit-trejdunjins biex jiddeċiedu fuq il-ħin tal-istrajk. L-Assemblea Ġenerali vvutat favur il-proposti konġunti tat-tliet assoċjazzjonijiet, b'27 vot pożittiv u 3 astensjonijiet minn total ta' 33 impjegat.

Bejn wieħed u ieħor għaxart ijiem wara l-Assemblea Ġenerali, it-trejdunjonisti ddeċidew li jagħmlu strajk fis-sigħat bikrin tat-Tnejn filgħodu. Għal dan il-għan, huma marru fil-maħżen tat-trakkijiet taż-żibel tal-Muniċipalità ta' Strovolos fis-2:30 a.m. u talbu lix-xufiera tal-ekwipaġġi biex jimmobilizzaw it-trakkijiet u jingħaqdu mal-ħaddiema barra l-uffiċċju tal-kap tad-Dipartiment biex iħabbru l-istrajk ta' twissija ta' 24 siegħa (21 ta' Mejju 2018). L-Assemblea Ġenerali ddeċidiet li waqt l-istrajk tistieden lill-impjegatur għal djalogu. F'każ li ma jkunx hemm tweġiba, il-ħaddiema jipproċedu biex iħabbru aktar miżuri.

Is-Sindku għamel dikjarazzjonijiet fil-midja u pprova jikkonvinċi lill-pubbliku bid-deċiżjoni tal-Muniċipalità li tħabbar il-privatizzazzjoni parzjali tas-servizzi. It-trejdunjonisti intervjenew biex jiddefendu l-pożizzjonijiet tal-ħaddiema, l-aktar li s-servizzi għandhom jibqgħu fi ħdan is-settur pibbliku aktar wiesa' u li l-impjiegi għandhom jinżammu. L-assoċjazzjonijiet tal-ħaddiema ħarġu stqarrija għall-istampa rilevanti li tqassmet kemm lill-midja elettronika kif ukoll lil dik stampata. Fl-aħħar nett, deher li l-impjegati kienu rebħu l-ewwel battalja.

Ġiet organizzata laqgħa bejn ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u s-Sindku u s-Segretarju Muniċipali biex jitkompla d-djalogu. It-trejdunjonisti talbu d-diskussjoni ta' dokument li bagħatu lill-Muniċipalità. Waqt il-laqgħa, id-dokument kien ukoll sottomess b'mod formali. Id-dokument ġie diskuss u emendat. Ġie deċiż li jsiru ż-żidiet neċessarji għad-dokument u li tiġi ffissata laqgħa oħra.

Id-dokument jistipula kif ġej:

- Bidu ta' djalogu intensiv biex jiġu diskussi l-problemi tal-ekwipaġġi tal-ġbir tal-iskart.

- Diskussjoni dwar il-ħolqien ta' pożizzjonijiet organiċi fis-servizzi kollha tal-Muniċipalità għall-ħaddiema, li jistgħu jinbidlu biss wara konsultazzjoni.
- Rispons pożittiv tat-trejdunjins dwar ix-xiri parzjali ta' servizzi biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet barra l-funzjonijiet koperti bil-pożizzjonijiet organiċi.
- Fl-istess waqt, il-Muniċipalità, fil-kuntratti mal-aġenzija privata tinkludi l-obbligu li t-termini bażiċi tax-xogħol tal-Ftehim Kollettiv tal-Muniċipalità japplikaw għall-ħaddiema kollha tagħha.
- Bħala konklużjoni tal-ftehim, il-miżuri li ttieħdu mill-impjegati jitneħħew.
- Il-Muniċipalità ma tipproċedix bl-intenzjoni tax-xiri ta' servizzi qabel il-konklużjoni tad-djalogu.
- Il-ftehim isir appendiċi mal-Ftehim Kollettiv, biss għall-Muniċipalità speċifika.

Ġiet organizzata t-tieni laqgħa, li matulha qamu xi differenzi fir-rigward tad-dokument. B'mod aktar speċifiku: i) jekk il-pożizzjonijiet organiċi ikunux maqbula skont l-2012, qabel il-bidu tal-kriżi, jew skont l-2018, matul il-kriżi, ii) liema termini bażiċi tal-Ftehim Kollettiv it-trejdunjonisti jeħtieġu li jiġu adottati mill-aġenzija privata Jekk hux possibbli li tali termini jiġu inklużi fl-ispeċfikċazzjonijiet tat-tender, billi dan jista' jkun intervent fir-relazzjonijiet ta' bejn il-ħaddiem u l-impjegatur, "li mhux previst fil-kuntratti ta' akkwist pubbliku". Is-Sindku insista wkoll li l-Muniċipalità għandha żżomm id-dritt li tħabbar is-sejħa għall-offerti, billi hu "bassar" li d-djalogu kien se jieħu fit-tul ħafna.

Il-laqgħa segwenti attendew għaliha s-Segretarji tal-organizzazzjonijiet tal-impjegati muniċipali minn kull assoċjazzjoni. Id-diskussjoni kienet kemmxejn qasira u ffukata ftit jew wisq fuq l-istess punti. Objettivament kien hemm imblokk fid-diskussjoni, li ma kienx iddikjarat b'mod uffiċjali billi l-laqgħa saret il-Ġimgħa, 30/06/2018. It-trejdjunjonisti jżommu linja ta' komunikazzjoni miftuħa mal-ħaddiema biex jiddeċiedu b'mod konġunt dwar il-passi li jmiss.

**Każ 2: Organizzazzjoni tal-ħaddiema fil-kumpanija ICTS, Sigurtà tal-Ajruport**

ICTS hi kumpanija li tipprovdi servizzi ta' sigurtà fl-Ajruporti ta' Larnaca u Pafos. Hi responsabbli biex tiċċekkja l-passiġġieri u l-bagalji hekk kif jidħlu fl-Ajruporti. Meta nediet l-operazzjonijiet tagħha fil-bidu tal-2017 hi impjegat 400-450 persuna. Il-forza tax-xogħol preżenti tagħha hi 350. Hi tipprovdi wkoll servizzi fl-ajruporti ta' pajjiżi oħra bħall-Greċja u Skopje. Hi għandha kuntratt ma' Hermes Airposts għas-snin li ġejjin (5+3) u hi kkumpensata għas-servizzi li tipprovdi għal kull passiġġier (vjaġġatur). Is-sede tal-kumpanija tinsab fin-Netherlands.

**Il-problema**

Il-problema tikkonsisti fin-nuqqas ta' Ftehim Kollettiv. L-impjegati jaħdmu għas-salarju minimu mingħajr drittijiet bażiċi bħal btajjel pubbliċi, sahra, liv għall-mard, kura medika. Barra minn hekk kellna ilmenti dwar l-imġiba tal-uffiċjali anzjani lejn l-impjegati.

Is-servizz li jipprovdu hu importanti ħafna billi s-sigurtà ta' pajjiżna tiddependi fuqhom. Billi jiċċekkjaw il-bagalji permezz tal-magni bir-raġġi X, huma jipprevjenu attakki terroristiċi jew xi sabotaġġ fir-Repubblika ta' Ċipru. Dan qabel kien ix-xogħol tal-Pulizija.

Wara konsultazzjonijiet fost it-tliet trejdjunjins, irranġajna appuntament mal-impjegatur u tlabna li nkunu infurmati bl-intenzjonijiet tagħhom dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Kollettiv. Kellna xi laqgħat u ppruvajna wkoll inkellmu lill-ħaddiema qabel jew wara li jispiċċa x-xift tagħhom biex nirreġistrawhom f'xi waħda mit-tliet assoċjazzjonijiet li jagħżlu, sabiex il-kumpanija ma tkunx tista' targumenta li l-impjegati ma jixtiequx li jkunu organizzati.

Il-kumpanija ma deheritx li trid tagħti ċerti drittijiet, possibilment minħabba li ma kinitx taf kif ikunu konklużi l-Ftehimiet Kollettivi f'Ċipru, billi f'pajjiżi oħra fejn hi preżenti, din tikkonkludi kuntratti personali u tirrispetta l-liġijiet. Fil-21 ta' Novembru 2019, iddikjarajna tilwima industrijali mal-Ministeru li stieden liż-żewġ partijiet għal negozjati. Il-kumpanija kienet akkumpanjata minn rappreżentant tal-Federazzjoni tal-Industrijalisti u l-Impjegaturi li kellha rwol konsultattiv.

Il-kumpanija ma rrifjutatx li tagħtina informazzjoni. Kieku kien il-każ, konna nippruvaw permezz ta' Hermes Airports, li hu l-impjegatur tagħhom, jew permezz tal-uffiċjali tal-gvern billi dawn il-kompiti qabel kienu jsiru mill-Pulizija u jikkonċernaw is-sigurtà ta' pajjiżna.

Id-deċiżjonijiet ittieħdu mit-tliet trejdjunjins wara konsultazzjoni bejnietna. Aħna għandna l-esperjenza ta' ħidma ma' kumpaniji u organizzazzjonijiet oħra li niddiskutu, nikkonsultaw u niffirmaw ftehimiet kollettivi magħhom. Il-pożizzjonijiet komuni tagħna huma kif ġej:

- it-13-il salarju
- Il-btajjel pubbliċi
- Is-sahra
- Il-liv minħabba mard
- Il-kopertura b'assigurazzjoni
- L-iskali tal-paga
- Iż-żieda fil-paga

Għandna ċerta diffikultà biex nikkuntattjaw lill-ħaddiema billi ma nistgħux intellfuhom waqt li jkunu qed jaħdmu. Aħna tlabna kemm lil ICTS kif ukoll lil Hermes biex jipprovdulna kamra li l-ħaddiema jistgħu jużaw waqt il-break tagħhom biex niltaqgħu magħhom. Din għadha ma ngħatatx. Aħna nikkuntattjawhom bit-telefown jew barra mill-Ajruport qabel jibdew jew wara li jispiċċaw ix-xift tagħhom. Kieku qajmu problema bil-kunfidenzjalità konna naċċettawha.

Aħna użajna lil Hermes Airports bħala assistenza esterna u, f'xi każijiet fejn kien hemm bżonn, avviċinajna membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti - il-Gvern.

Aħna ħsibna li jkun xieraq li nkunu f'kuntatt ma' Hermes Airports, li hi responsabbli għal kull ħaġa li tiġri fl-Ajruporti. Hermes Airports kienet ukoll infurmata mill-Ministeru dwar il-progress tan-negozjati. Ir-rwol tagħha kien kritiku billi hi tista' tintervjeni fir-rigward tal-persunal ta' ICTS. Aħna rnexxielna nibdew in-negozjati u niksbu ċerti talbiet. Grazzi għall-assistenza mill-Ministeru u minn Hermes, ma kkunsidrajniex li hu neċċessarju li ninvolvu aġenziji oħra tal-gvern.

Ir-risposti għall-pożizzjonijiet tagħna kienu ġustifikati, iżda mhux sodisfaċenti għall-ħaddiema. Aħna insistejna u hekk kif komplew il-konsultazzjonijiet fil-Ministeru irnexxielna niksbu ċerti affarijiet li fil-bidu tal-proċess, il-kumpanija lanqas biss kienet disposta li tiddiskuti.

Il-konsultazzjoni kienet effettiva. Il-ftehim inizjali hu tajjeb iżda għad baqalna ħafna x'niksbu. Aħna qed naħdmu fuq il-ftehim u se ntejbu d-drittijiet tal-impjegati. Il-pożizzjonijiet tagħna jibqgħu l-istess f'dak li jirrigwarda l-ħlas aħjar għall-impjegati, il-progress fil-karriera, ir-rikonoxximent u l-apprezzament ta' xogħolhom mill-kumpanija.

Waqfien mix-xogħol għal ftit sigħat jgħin lill-kumpanija speċifika biex tifhem il-ħtieġa li l-impjegati jiġu pprovduti b'benefiċċji aħjar u turihom rispett, billi tirrealizza l-qawwa ta' impjegati organizzati.

**Każ 3: Ksur ta' ftehim kollettiv fil-fabbrika tal-impjant tas-siment ta' Vasiliko**

Vassiliko Cement Works hi fabbrika li tipproduċi s-siment (monopolju) u taqa' taħt is-Settur tal-Kostruzzjoni. Għad-daqs ta' Ċipru hi meqjusa bħala negozju kbir billi tħaddem 240 individwu. Din hi strutturata kif ġej: a) Bord tad-Diretturi, b) Maniġment Ġenerali, ċ) Tim ta' Ġestjoni, d) Kapijiet tad-Dipartimenti, e) Persunal Xjentifiku, f) Persunal tekniku u g) Ħaddiema.

Aħna nafu li l-qagħda finanzjarja tal-kumpanija hi tajba ħafna. Sa Marzu 2017, l-informazzjoni dwar il-produzzjoni, il-bejgħ domestiku u l-esportazzjonijiet tas-siment tagħha (l-aktar lejn l-Iżrael) kienu disponibbli permezz tas-Servizz tal-Istatistika. Minn dakinhar 'l hawn, il-kumpanija m'għadhiex tiskambja data dwar il-produzzjoni, il-bejgħ u l-esportazzjonijiet tas-siment tagħha mas-Servizz tal-Istatistika u għalhekk ma nistgħux naslu għal konklużjonijiet sikuri. Madankollu, il-produzzjoni tas-siment qed tikber.

Meta jinqalgħu problemi relatati mal-ħaddiema, it-tliet trejdjunjins tal-Bennejja jaħdmu flimkien fl-aħjar interessi tagħhom. Fin-negozju msemmi hawn fuq, 62% tal-impjegati huma membri ta' trejdjunjins waqt li l-kumplament, 38% mhumiex (13% maniġment u 13% persunal xjentifiku).

Wara negozjati estensivi, it-trejdjunjins iffirmaw l-iaktar ftehim kollettiv riċenti mal-kumpanija fit-18 ta' Novembru 2016. Jista' jingħad li r-relazzjonijiet bejn it-trejdjunjins u l-kumpanija huma tajbin. Il-kap tal-persunal jagħmel laqgħat kull xahar mal-impjegati lokali u t-trejdjunjonisti professjonali biex jindirizzaw il-problemi ta' kuljum. Laqgħat ta' livell ogħla jinżammu wkoll bejn il-Maniġment Ġenerali tal-kumpanija u l-kapijiet tat-trejdjunjins f'każijiet ta' kwistjonijiet li jirrelataw mal-politika u mal-interpretazzjoni tal-ftehim kollettiv. Barra minn hekk, laqgħat fl-ogħla livell isiru kull xaharejn jew kull tliet xhur. It-tliet Segretarji Ġenerali tat-trejdjunjins tal-Bennejja jagħmlu laqgħat maċ-ċermen tal-Bord tad-Diretturi ta' Vassiliko Cement Works Public Company Ltd biex jirrisolvu kwistjonijiet u problemi li ma jistgħux jiġu risolti fil-laqgħat l-oħra.

Rigward l-azzjoni passata tagħna, nistgħu ngħidu li hemm rekord rikk ta' waqfien mix-xogħol. strajks ta' 24 siegħa, ta' 48 siegħa u indefiniti, li kkulminaw fl-istrajk indefinit li beda fl-1 ta' MArzu 2012 u dam sejjer 20 ġurnata. F'dak iż-żmien, aħna bħala trejdjunjins ħallasna l-benefiċċju tal-

qgħad lill-impjegati li kienu fuq strajk. L-istrajk irriżulta f'nuqqas ta' siment fis-suq u l-kumpaniji tal-konkos imħallat lest kienu sfurzati li jinterrompu l-operazzjonijiet tagħhom. Ħafna kumpaniji u siti ta' kostruzzjoni ssospendew ukoll l-operazzjonijiet tagħhom minħabba n-nuqqas ta' siment.

**Il-problema**

Il-problema kkonsistiet fi ksur ta' ċerti artikli tal-ftehim kollettiv u tal-liġi dwar it-trattament ugwali fuq il-post tax-xogħol mill-kumpanija. Minkejja l-konsultazzjonijiet fit-tul bejn iż-żewġ partijiet, ma kien hemm l-ebda eżitu pożittiv. Bħala riżultat, f'konformità mal-Kodiċi tar-Relazzjonijiet Industrijali, it-trejdjunjins tal-Bennejja applikaw mad-Dipartiment tal-Medjazzjoni tal-Ministeru tax-Xogħol u talbu l-intervent tiegħu.

Id-Dipartiment tal-Medjazzjoni stieden liż-żewġ naħat għal konsultazzjoni, ppreseduta mid-direttur tad-Dipartiment. Saru diversi laqgħat li ma ħallew l-ebda frott. Matul il-konsultazzjonijiet, il-kumpanija ttrasferiet żewġ impjegati mid-dipartiment tal-bejgħ għad-dipartiment tal-manutenzjoni mekkanika mingħajr konsultazzjoni u mingħajr ma infurmat lit-trejdjunjins u lill-impjegati affettwati. Il-membri lokali taw briefing lit-tmexxija tat-trejdjunjins waqt laqgħa li saret għal dan il-għan fl-istess ġurnata u, kif qalu, il-ħaddiema kkunsidraw id-deċiżjoni tal-kumpanija bħala vendikattiva.

Aħna tlabna laqgħa mal-kap tar-riżorsi umani tal-kumpanija u mal-Maniġer Ġenerali biex niksbu aktar informazzjoni. Waqt il-laqgħa qajjimna l-mistoqsijiet segwenti:

- Għaliex għamiltu dawn it-trasferimenti?
- Iż-żewġ trasferiment taż-żewġ kollegi kienu vendikattivi?
- Għaliex ma infurmajtux lit-trejdjunjins u liż-żewġ kollegi kkonċernati?
- Għaliex ipproċedejtu b'din iċ-ċaqlieqa meta tafu li ilu jkollna konsultazzjonijiet għal daqshekk żmien?
- Din saret b'attentat li ssir pressjoni?
- U ħafna mistoqsijiet oħra.

Li kieku l-Maniġment irrifjuta li jinfurmana, konna nitolbu laqgħa maċ-Ċermen tal-Bord tad-Diretturi, mal-azzjonisti tal-kumpanija, nibgħatu ittri f'kull direzzjoni b'kopja lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali, noħorġu stqarrijiet fuq il-midja u anki nikkunsidraw modi oħra ta' kif nagħmlu pressjoni.

Aħna stedinna lill-kumitati tal-ħaddiema lokali għal laqgħa. Wara diskussjoni bir-reqqa u ħafna riflessjoni, sejjaħna Assemblea Ġenerali tal-impjegati kollha biex nieħdu d-deċiżjonijiet. Fl-Assemblea, l-impjegati ġew infurmati mill-mexxejja tat-trejdjunjins tagħhom dwar il-mistoqsijiet li qajjimna u t-tweġibiet li rċevejna. Din kienet segwita b'diskussjoni, li warajha, il-mexxejja tat-trejdjunjins tal-Bennejja pproponew strajk indefinit li beda fis-27/10/2017. L-Assemblea Ġenerali approvat il-proposta b'mod unanimu permezz ta' vot sigriet u l-istrajk indefinit beda fis-27/10/2017.

L-impjegati ġew infurmati permezz ta' kuntatti personali, b'mod partikolari minn membri tal-kumitat lokali, permezz ta' telefonati, żjajjar fuq il-post tax-xogħol jew laqgħat fl-uffiċċji tat-trejdjunjin. F'dan il-każ m'hemmx kwistjoni ta' kunfidenzjalità billi l-kumpanija ma skambjat l-ebda informazzjoni kunfidenzjali magħna. Iżda kieku l-kumpanija qajmet kwistjoni ta' kunfidenzjalità, din ma kinitx tkun aċċettata minna billi ma kkonċernatx xi sigriet kummerċjali jew xi interessi legali oħra tal-kumpanija.

It-trejdjunjin settorjali tal-Bennejja tagħna talbet għajnuna mit-tmexxjia tad-DEOK biex iżżid pressjoni f'kull direzzjoni kif din tara li jkun xieraq (ministri, membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti, partijiet interessati oħra, Servizzi tal-Istat, Dipartimenti tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Medjazzjoni, il-Maniġment u l-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija).

Il-kunsill ġenerali tat-trejdjunjin tal-Bennejja, it-tmexxija tad-DEOK kif ukoll is-soċjetà ċivili ġew infurmati u tlabnihom jifhmuna u jagħmlu pressjoni fuq il-kumpanija.

Ingħatajna tweġibiet għall-pożizzjonijiet tagħna iżda ovvjament mhux kollha kienu pożittivi u sodisfaċenti. L-isforzi tagħna biex nassiguraw id-drittijiet u t-trattament ugwali, u biex nissalvagwarjaw u nipproteġu lill-impjegati, huma kontinwi.

Iffaċċjati bil-pożizzjonijiet negattivi tal-Maniġment, aħna komplejna l-konsultazzjonijiet tagħna, żidna l-pressjoni u f'xi okkażjonijiet, immobilizzajna - adottajna l-waqfien mix-xogħol u miżuri oħrajn.

Il-konsultazzjoni li saret fit-30/10/2017 fid-Dipartiment tal-Medjazzjoni tal-Ministeru tax-Xogħol, immexxija mid-Direttur tad-dipartiment, dwar il-kwistjoni tat-trasferiment taż-żewġ kollegi, kellha eżitu pożittiv. Il-kumpanija rrevokat id-deċiżjoni tagħha li ċċaqlaq liż-żewġ kollegi għal perjodu ta' tliet xhur biex tippermettilhom jilħqu ż-żieda fil-kompiti mitluba minnhom, skont kif allega l-Maniġment.

L-istrajk waqaf wara Assemblea Ġenerali oħra tal-impjegati, li matulha ġew infurmati bir-reqqa bir-riżultati tal-konsultazzjoni. Għal darb'oħra, id-deċiżjoni li jieqaf l-istrajk, meħuda b'vot sigriet, kienet unanima.